

Brussell, 4 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12101/21
ADD 1

LIMITE

FISC 146
ECOFIN 868

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa - Approvazzjoni = Dikjarazzjoni mill-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja

Dikjarazzjoni mill-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja

Sabiex ma jiġix ipperikolat l-aġġornament tal-lista kollha kemm hi u biex jiġu rikonoxxuti l-iżviluppi pożittivi f'ħafna pajjiżi terzi, l-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja jaċċettaw il-konklużjonijiet tal-Kunsill proposti. Huwa mistenni progress rapidu u notevoli mit-Turkija, li ser jiġi żgurat permezz ta' monitoraġġ regolari tal-progress tekniku rigward l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji.

Għaldaqstant, l-iskadenza biex jiġi solvew kwistjonijiet tekniċi pendenti għall-iskambju effettiv tad-data malajr kemm jista' jkun, iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021, ser tiġi osservata mill-qrib.

L-Awstrija, Ċipru, id-Danimarka u l-Greċja jistennu li t-Turkija twettaq l-iskambju effettiv ta' informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji għas-snin fiskali 2020 u 'l quddiem mal-Istati Membri kollha skont is-CRS, u b'dan il-mod ser tikkonforma mal-obbligu tagħha, kif stabbilit fis-CRS, li tiskambja informazzjoni dwar kontijiet finanzjarji mas-Sħab Adatti Interessati kollha.